**Skema ta' Equity Sharing**
**2019**

## 1. Titolu u l-għan tal-iskema

Din l-iskema hija intiża għal applikanti li ma jistgħux jixtru r-residenza tagħhom mingħajr l-għajnuna tal-Awtorità tad-Djar. L-iskema msejħa Skema ta' Equity Sharing ser tapplika għal persuni 'l fuq minn ħamsa u għoxrin (25) sena li jitħajru jixtru d-dar tagħhom billi jixtru mhux anqas minn nofs il-prezz tal-proprjetà waqt li r-rimanenti jkun irid jinxtara aktar 'il quddiem. L-Awtorità tad-Djar, minn naħa tagħha ser tixtri s-sehem mhux akkwistat mill-applikanti liema sehem ikun ta' mhux aktar minn nofs il-proprjetà. Wara l-għoxrin (20) sena, l-applikanti ser ikollhom l-obbligu li jixtru s-sehem mixtri mill-Awtorità tad-Djar bl-istess prezz akkwistata minnha.

L-APS Bank plc, soġġett li jiġu sodisfatti l-kriterji kollha tal-Bank, ser jagħti self sa massimu ta' €200,000 sabiex tinxtara proprjetà fi stat finished u abitabbli, jew fi stat shell li tista' titlesta għal stat abitabbli iżda dan biss fejn l-ispiża totali tax-xiri u l-*finishing* ma teċċedix €250,000 u €350,000 fejn ix-xerrejja aspiranti għandhom 40 sena jew aktar u qed jixtru s-sehem li jifdal mid-dar matrimonjali preċedenti tagħhom mingħand is-sieħeb/sieħba preċedenti tagħhom fil-liġi. F'każijiet fejn il-valur massimu tal-proprjetà huwa bejn €300,000 u €350,000, il-Bank jirriżerva d-dritt li jivvaluta u japprova unilateralment applikazzjonijiet għal proprjetajiet b'dan il-valur, abbażi tal-kriterji interni ta' sostenibbiltà tal-Bank. Id-deċiżjoni tal-Bank f'dan ir-rigward għandha tkun finali.

## 2. Tifsir

F'din l-iskema, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra:-

(a) "Avviż" tfisser Avviż li deher fil-Gazzetta tal-Gvern datata 21 ta' Mejju 2019;

(b) "applikant" tfisser persuna li tapplika taħt din l-iskema u meta l-applikazzjoni ssir minn tnejn flimkien, għandha tinkludi l-applikanti kollha u in solidum;

(c) "l-Awtorità" tfisser l-Awtorità tad-Djar imwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Att tal-Awtorità tad-Djar: (Kap 261);

(d) "dħul annwu aggregat" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fil-klawsola 9 ta' din l-iskema;

(e) "sena bażi" tfisser is-sena kalendarja minnufih qabel is-sena li fiha ssir applikazzjoni taħt din l-iskema u b'referenza għall-klawsola 9;

(f) "bank" u "istituzzjoni finanzjarja" għandhom l-istess tifsira li tingħatalhom fl-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Att numru XV tal-1994);

(g) "benefiċjarju" tfisser kull persuna li jibbenefika taħt dan l-avviż;

F’din l-iskema s-singular jimporta l-plural u l-maskil jimporta l-femminil.

**3. Kundizzjonijiet tal-iskema**

(a) L-Awtorità tad-Djar tiffinanzja bejn għoxrin elf Ewro u mitt elf Ewro (€20,000 - €100,000) għax-xiri ta’ proprjetà li ma tridx teċċedi l-mitejn u ħamsin elf Ewro (€250,000) u t-tliet mija u ħamsin elf Ewro (€350,000) fejn ix-xerrejja aspiranti għandhom 40 sena jew aktar u qed jixtru s-sehem li jifdal mid-dar matrimonjali preċedenti tagħhom mingħand is-sieħeb/sieħba preċedenti tagħhom fil-liġi. B’hekk l-Awtorità tad-Djar issir sid ta’ parti mill-istess residenza.

(b) Fil-każijiet biss ta’ xerrejja aspiranti ta’ 40 sena jew aktar li jixtru s-sehem li jifdal mid-dar matrimonjali preċedenti tagħhom mingħand is-sieħeb/sieħba legali preċedenti tagħhom, il-proprjetà m’għandhiex taqbeż it-tliet mija u ħamsin elf Ewro (€350,000). Ix-xiri ta’ proprjetajiet b’valur ta’ bejn €300,000 u €350,000 se jiġi rivedut fid-diskrezzjoni assoluta tal-Bank. Il-Bank jirriżerva d-dritt li jivvaluta u japprova unilateralment tali applikazzjonijiet ibbażati fuq il-kriterji interni ta’ sostenibbiltà tiegħu, u d-deċiżjoni tal-Bank f’dan ir-rigward għandha tkun finali. F’dawn il-każijiet, is-sehem tal-Awtorità tad-Djar jibqa’ massimu ta’ €100,000.

Fil-każijiet fejn il-valur massimu tal-proprjetà huwa bejn €250,000 u €300,000, l-applikant irid ikollu 40 sena jew aktar u l-proprjetà li għandha tiġi akkwistata hija d-dar matrimonjali tal-applikant, b’parti waħda diġà tippossjedi parti mill-proprjetà u kopja tal-att pubbliku ta’ separazzjoni personali jew id-Digriet finali tal-Qorti ta’ separazzjoni jew divorzju, skont il-każ, jiġu pprovduti.

(c) L-applikanti ser ikunu obbligati li mill-assi tagħhom, jiffinanzjaw mill-anqas għaxra fil-mija (10%) tal-prezz tal-proprjetà li jkunu ser jakkwistaw permezz ta’din l-iskema.

(d) Applikazzjonijiet għal xiri ta’ proprjetà li l-prezz tagħha jeċċedi l-mitejn un ħamsin elf Ewro (€250,000) u tliet mija u ħamsin elf Ewro (€350,000) fejn ix-xerrejja aspiranti għandhom 40 sena jew aktar u qed jixtru s-sehem li jifdal mid-dar matrimonjali preċedenti tagħhom mingħand is-sieħeb/sieħba preċedenti tagħhom fil-liġi ma jiġux ikkunsidrati. L-Awtorità tad-Djar iżżomm id-dritt li tivvaluta l-proprjetà hi biex tara jekk din il-kundizzjoni tkunx sodisfatta.

(e) L-Awtorità tad-Djar mhux se tobbliga lill-applikanti li jixtru lura il-porzjoni mhux mixtri minnhom qabel għoxrin (20) sena mid-data tal-kuntratt tax-xiri, intant l-applikanti jkunu jistgħu jagħmlu dan anke qabel għeluq tal-għoxrin (20) sena. Wara għoxrin (20) sena mill-kuntratt tal-ewwel porzjon, l-Awtorità tad-Djar ikollha d-dritt li tiġbor kull informazzjoni dwar l-assi u d-dħul tal-benefiċjarji. Għal dan il-għan l-applikanti jagħtu s-setgħa lill-Awtorità tad-Djar titlob dik l-informazzjoni lill-banek biex tkun taf kollox dwar l-investimenti tagħhom. Dan isir biex jiġi stabbilit jekk il-applikanti jkunux f’pożizzjoni li jieħdu self ieħor biex jixtru s-sehem li jkollha l-Awtorità tad-Djar fir-residenza tagħhom.

(f) F’każ li l-applikanti ma jkunux f’pożizzjoni finanzjarja li jixtru s-sehem l-ieħor wara li jkunu għaddew l-għoxrin sena mid-data tal-kuntratt tax-xiri, allura it-tfal jew uħud minnhom (bil-permess mill-miktub tal-ġenituri tagħhom jekk ikunu għadhom ħajjin) ser jingħataw l-

opportunita' li jagħmlu dan fid-diskrezzjoni assoluta tal-Awtorità tad-Djar. Alternattivament jista' jsir ftehim mal-Awtorità tad-Djar fid-diskrezzjoni assoluta tagħha skont kundizzjonijiet imposti mill-Awtorità biex l-ammont dovut jiġi mħallas permezz ta' pagamenti f'perjodi stabbiliti mill-Awtorità tad-Djar. F'dan il-każ il-valur tat-tieni sehem tal-proprjetà wara l-għoxrin sena jiġi miżjud bir-rata tal-inflazzjoni tal-aħħar għoxrin (20) sena.

(g) F'każ li l-applikanti jiġi neqsin qabel ma jkun nxtara s-sehem rimanenti, l'erdi tal-applikanti jkunu jistgħu jakkwistaw is-sehem rimanenti mill-Awtorità tad-Djar wara l-istess Awtorità tad-Djar tagħmel il-verifiki dwar ir-riċerki testamentarji dwar l-applikanti pprovduti mill-istess eredi jew fin-nuqqas ta' dan magħmula mill-Awtorità tad-Djar a spejjeż tal-eredi.

(h) Kemm-il darba l-applikanti jew l-aventi kawża ma jixtrux ir-rimanenti sehem indiviz tal-proprjetà sa żmien għoxrin (20) sena mid-data tal-kuntratt tax-xiri, wara l-iskadenza tal-għoxrin (20) sena, kif ukoll jonqsu milli jagħmlu ftehim mal-Awtorità tad-Djar sabiex ammont dovut jiġi mħallas permezz ta' pagamenti f'perjodi stabbiliti kif stipulat fil-paragrafu preċedenti, l-applikanti għandhom iħallsu lill-Awtorità somma annwali u/jew mensili li tiġi ffissata mill-Awtorità tad-Djar fid-diskrezzjoni assoluta tagħha u dana bħala kumpens għall-parti indiviża tal-fond mhux akkwistat minnhom. L-Awtorità tad-Djar tista timponi obbligi oħra fir-rigward ta' dan is-sehem mhux mixtri mill-applikanti.

(i) Il-proprjetà li ser tinxtara mill-applikanti trid tkun mibnija bil-permessi kollha rikjesti, fi stat finished u abitabbli, jew fi stat shell sakemm l-ispiża tax-xiri u l-finishing ma teċċedix €250,000 u €350,000 fejn ix-xerrejja aspiranti għandhom 40 sena jew aktar u qed jixtru s-sehem li jifdal mid-dar matrimonjali preċedenti tagħhom mingħand is-sieħeb/sieħba preċedenti tagħhom fil-liġi.

(j) Il-proprjetà li tikkwalifika taħt din l-iskema għandha tintuża u tiġi okkupata mill-applikanti esklużivament bħala r-residenza ordinarja tagħhom;

(k) L-applikanti għandhom jokkupaw il-proprjeta` mixtrija sa mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mid-data tal-kuntratt ta' bejgħ f'każ li tkun fi stat finished u abitabbli; u sentejn (2) mid-data tal-kuntratt ta' bejgħ f'każ li tkun fi stat shell;

(l) L-applikanti għandhom jassumu kull responsabilità għal kull tip ta' manutenzjoni u/jew tiswija neċessarja, kemm ordinarja kif ukoll straordinarja, sakemm l- Awtorità tad-Djar tibqà s-sid ta' parti mill-proprjetà.

(m) Qabel ma jkunu saru sidien assoluti tal-proprjetà mixtrija minnhom l-applikanti jew l-aventi kawża ma jkunux jistgħu jikru jew b'xi mod ieħor jittrasferixxu jew jaljenaw il-fond jew il-pussess tiegħu lil terzi l-anqas b'mera tolleranza. Huma lanqas ma jistgħu jagħtu l-kunsens tagħhom biex xi terzi jabitaw f'dan il-post anke b'mera tolleranza jew b'titolu gratuwitu.

F'każ illi l-applikanti jkunu jridu jbiegħu lill-terzi l- proprjetà minnhom akkwistata u dana qabel ma jkunu xtraw is-sehem indiviż tal- Awtorità tad-Djar mill-istess proprjetà, huma għandhom jinfurmaw lill- Awtorità u lill-Banek b'dan qabel il-konvenju u f'kull każ mill-

anqas xahrejn qabel tal-att ta' trasferiment. L-applikanti ma jistgħux ibiegħu sehemhom jekk l-istess bejgħ ma jkunx jinkludi ukoll il-bejgħ tas-sehem appartenenti lill-Awtorità. Sabiex issir tali bejgħ l-applikanti jkunu jinħtieġu l-permess bil-miktub tal-Awtorità. Fuq l-att ta' trasferiment l-Awtorità ikollha dritt għall-proporzjon tal-prezz tal-bejgħ skont il-proporzjon li l- Awtorità tad-Djar tkun xtrat mill-imsemmi proprjetà u dan kollu għandu jiġi vverifikat minn perit ta' l-Awtorita' tad-Djar. F'kull każ dan il-valur m'għandux ikun inqas minn kemm kienet ħallset l-Awtorita' tad-Djar fuq il-kuntratt ta' xiri tas-sehem li hi akkwistat. Hija fid-diskrezzjoni tal-Awtorita' tad-Djar illi taqbel mall-prezz tal-bejgħ lil terzi qabel ma jsir tali bejgħ, jiġifieri il-prezz tal-bejgħ lil terzi jrid jiġi mqabul bejn l- Awtorita' tad-Djar u l-kompraturi odjerni.

F'każ illi l-proprjetà ma tkunx inxtrat fi stat *finished* u l-applikanti jkunu lestew il- proprjetà a spejjeż tagħhom, mill-prezz tal-bejgħ, l-applikanti għandhom jitħallsu tax-xogħlijiet/*improvements* kollha illi jkunu għamlu, madanakollu dawn ix- xogħlijiet/ *improvements* għandhom jiġu kkalkulati minn Perit imqabbad mill- Awtorita' tad-Djar wara li dan jikkonsulta mal-irċevuti tal-imsemmija miljoramenti basta illi wara it-tnaqqis tal-valur tax-xogħlijiet/*improvements* is-sehem li hi intitolata għalih l- Awtorita' tad-Djar skont il-proporzjoni tas-sehem mixtri minnha, m'għandux ikun anqas minn kemm kienet ħallset l-Awtorita' tad-Djar fuq il-kuntratt tax-xiri tas-sehem li hi akkwistat.

(n) Qabel ma jkunu saru sidien assoluti tal- proprjetà akkwistata taħt din l-iskema, l-applikanti ma jkunux jistgħu jizviluppaw u/jew jimmodifikaw u/jew jikkonvertu ebda parti tal- proprjetà;

(o) Kull riskju naxxenti mill-proprjetà jew minn imkien ieħor, fuq il- proprjetà jew fil-proprjetà ta' terzi jew fuq persuni terzi, tgħaddi kollha kemm hi fuq l-applikanti għad eskluzjoni tal-Awtorità tad-Djar;

(p) Iridu jiġu sodisfatti wkoll il-kriterji kollha stabbiliti mill-APS Bank plc sabiex jingħata s-self mill-istess Bank. Id-deċiżjoni tal-APS Bank plc f'dan ir-rigward hi finali;

(q) Is-self mogħti mill-Bank lill-applikanti irid ikun għal perjodu ta' mhux aktar minn erbgħin (40) sena u dan dment li s-self jiġi mħallas sal-eta ta' ħamsa u sittin (65) sena;

(r) L-applikanti għandhom jħallsu l-pagamenti mensili fuq is-self permezz ta' direct credit mill-kont kurrenti tagħhom miftuħ mal-APS Bank plc, l-istess kont fejn jiġi depositat is-salarju fix-xahar tagħhom. L-Awtorità tad-Djar għandha tiġi notifikata immedjatament meta l-applikant jonqos milli jħallas xi pagament;

(s) L-Awtorità tad-Djar jkollha l-jedd timponi obbligi fuq l-applikanti f'każ li l-applikanti jonqsu milli jħallsu s-self meħud minnhom jew parti minnu b'mod li l-Awtorità tad-Djar tkun kostretta tħallas hi dan is-self. L-Awtorità tad-Djar qegħda tirriserva d-dritt li tirreġista Ipoteka Ġenerali fuq il-beni tal-applikanti in ġenerali kemm preżenti u futuri kif ukoll Ipoteka Speċjali

fuq is-sehem indiviż tal-proprjeta’ akkwistat mill-applikanti fuq il-kuntratt ta’ xiri u dan għall-osservanza tal-kundizzjonijiet tà din l-iskema u l-kuntratt tax-xiri iffirmat mill-applikanti.

**4. Applikazzjonijiet validi**

Fejn l-Awtorità tad-Djar tħoss li r-residenza li tkun ser tinxtara tkun għolja ħafna hija żżomm id-dritt li tibgħat perit tal-Awtorità tad-Djar biex jagħti valutazzjoni tal-post. L-Awtorità tad-Djar iżżomm id-dritt li tirrifjuta kull applikazzjoni.

**5. Min jista’ japplika**

Jistgħu japplikaw għal din l-iskema, dawk il-persuni li sad-data tal-ewwel pubblikazzjoni ta’ dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern, ikunu:

(a) koppji miżżewġin jew żewġ persuni imsieħba f’Unjoni Ċivili - wieħed mill-applikanti jrid jkollu 25 sena fid-data tal-applikazzjoni;

(b) ġenitur wieħed ʾl fuq minn 25 sena li jkollu tifel/tifla jew tfal jgħixu miegħu li mhumiex miżżewġin;

(c) żewġ persuni flimkien - wieħed mill-applikanti jrid jkollu 25 sena fid-data tal-applikazzjoni;

(d) ġuvni jew xebba ʾl fuq minn 25 sena;

(e) persuna legalment separat/a ʾl fuq minn 25 sena mingħajr tfal jgħixu miegħu/magħha.

**6. Metodu tal-applikazzjoni**

(a) Persuna li tikkwalifika taħt din l-iskema għandha tissottometti applikazzjoni fuq formola preskritta u għandha tieħu l-formola personalment lill-Awtorità waqt il-ġranet u ħinijiet tal-uffiċċju.

(b) Il-formoli jistgħu jinġabru mill-Awtorità tad-Djar 22, Triq Pietro Floriani, Floriana u mill-fergħa tal-Awtorità tad-Djar 74, Numru 5 Livell 3 Triq Gorg Borg Olivier, Rabat Għawdex jew fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità.

**7. Validità tal-applikazzjoni**

Biex l-applikazzjoni tkun **valida** għandha:-

(a) tkun fuq il-formola preskritta mill-Awtorità u timtela kollha;

(b) tkun iffirmata mill-applikanti kollha kif indikat;

(c) tkun ippreżentata personalment mill-applikant bid-dokumenti kollha mitluba;

(d) fil-każ ta’ persuna miżżewġa jew imsieħba f’unjoni ċivili iżda separata, jew ta’ persuna li l-istat ċivili tagħha inbidel wara li tkun ikkuntrattat żwieġ/ unjoni civili, għandu jkollha mehmuż mal-applikazzjoni kopja awtentika tal-kuntratt ta’ separazzjoni jew tas-sentenza ta’ Qorti kompetenti.

## 8. Kwalifiki meħtieġa

Fl-ewwel pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern l-applikanti f'kull każ iridu wkoll jissodisfaw dawn il-kriterji:

(a) ikunu ċittadini Maltin jew ċittadini tal-Unjoni Ewropea. Ċittadini mill-Unjoni Ewropea jridu jkunu qed jakkwistaw l-ewwel residenza u jridu wkoll jissodisfaw il-kriterji maħruġa minn xi Awtorità jew mill-uffiċċju tal-Prim Ministru. Fil-każ ta' miżżewġin jew żewġ persuni imsieħba f'Unjoni Ċivili mhux legalment separati, biżżejjed li parti waħda tkun Maltija;

(b) Applikanti waħidhom (single) u f'każ żewġ persuni flimkien, miżżewġin jew żewġ persuni imsieħba f'Unjoni Ċivili, għall-inqas wieħed mill-applikanti għandu jkun impjegat bi qliegħ full time sa mill-anqas sena qabel id-data tal-ħruġ ta' din l-iskema ;

(c) Ikollhom ir-residenza permanenti f'Malta għal mill-anqas sena matul it-tmintax-il xahar ta' qabel.

(d) Matul is-sena preċedenti tal-applikazzjoni, id-dħul annwali m'għandux jaqbeż il-limiti massimi li ġejjin kemm għall-individwi kif ukoll għall-applikanti konġunti:-

| **Età** | **Dħul Massimu Annwali** |
|---|---|
| 25 – 29 | €20,000 |
| 30 – 34 | €25,000 |
| 35 – 39 | €30,000 |
| 40 + | €40,000 |

(e) ma kellhomx immobbli mhux mibnija, diviża jew indiviża, waħedhom jew ma' oħrajn b'titolu ta' proprjetà assoluta jew enfitewsi perpetwa li għalihom inħareġ jew seta' jinħareġ permess għall-bini ta' fond għall-abitazzjoni mill-Awtorità tal-Ippjanar;

(f) ma kellhomx diviżament jew indiviżament, waħedhom jew ma' oħrajn, fond tajjeb għall-abitazzjoni b'titolu ta' proprjetà assoluta jew b'titolu ta' enfitewsi perpetwa jew enfiteswi temporanja li fadallu mill-anqas erbgħin (40) sena biex jiskadi;

(g) ma kellhomx ishma f' xi soċjetà kummerċjali li fl-ewwel data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern, kellha proprjetà immobbli bħal dik imsemmija iżjed 'l fuq fiż-żewġ sub-paragrafi preċedenti ;

Applikant iżda ma jiġix skwalifikat għas-sempliċi raġuni illi jippossjedi proprjetà kif deskritt fil-paragrafi preċedenti jekk fl-opinjoni tal-Awtorità, skont id-diskrezzjoni assoluta u finali tagħha, dik il-proprjetà mhix adegwata għall-akkomodazzjoni residenzjali tal-applikant/i u l-familja tiegħu/tagħhom jew ma tistax, minħabba raġunijiet legali, tekniċi, jew loġistiċi tiġi użata għal abitazzjoni jew ma tistax tiġi likwidata fi żmien relativament qasir sabiex jiġi perċepit il-valur.

Ic-Chairman tal-Awtorità jista' jikkonsidra bħala inaċċettabbli, dikjarazzjoni tad-dħul tal-applikanti jekk fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu jidhirlu illi din mhix korretta jew vera.

## 9. Dħul annwu totali tal-applikant

Għall-skopijiet ta' din l-applikazzjoni d-dħul annwu aggregat tal-applikant jinkludi:

(a) dħul gross minn impjieg, paga u/jew salarju, u/jew benefiċċju soċjali oħra tal-applikanti (esklużi overtime, kull assistenza mogħtija lill-persuni b'diżabilità u ċ-Children's Allowance) fl-intier tagħhom għas-sena bażi preċedenti. Meta l-applikazzjoni ssir minn żewġ applikanti, jiġi kkunsidrat id-dħul gross taż-żewġ applikanti.

(b) id-dħul tal-applikant għas-sena bażi kalendarja minn kapital imħaddem, bħal depożiti f'banek, shares, stocks, kirjiet, investimenti f'intrapriżi kummerċjali, investimenti oħra, fil-proprjetà inkluż qligħ kapitali (capital gains).

(c) mid-dħul gross annwu jitnaqqas kull ammont li persuna separata tħallas lill-parti l-oħra bħala manteniment. Dan l-ammont jitnaqqas wara li jiġi provdut dokument, iffirmat mill-avukati taż-żewġ partijiet b'dikjarazzjoni li, l-ammont uffiċjali kif huwa dikjarat fil-kuntratt tas-separazzjoni qiegħed fil-fatt jitħallas.

## 10. Skwalifika

Persuna ma tikkwalifikax biex tapplika taħt din l-iskema jekk:-

(a) id-dħul annwu totali tal-applikant/i jeċċedi s-somma kif stipulata fi Klawsola 9 (d);

(b) ma tkunx separata leġalment;

(c) l-assi kapitali tagħha ma jkoprux għaxra fil-mija (10%) tal-prezz tal-proprjetà li tkun ser tinxtara permezz ta' din l-iskema;

(d) l-applikant mhux f'impjieg u/jew ma kienx f'impjieg full time mill-anqas sena qabel id-data tal-ħruġ ta' din l-iskema fil-Gazzetta tal-Gvern.

## 11. Trasferiment tal-proprjetà

F'każ illi l-benefiċjarji jkunu jridu jiddisponu mill-proprjetà qabel ma jkunu saru s-sidien assoluti, l-bejgħ għandu jsir biss lill-Awtorità tad-Djar fejn l-Awtorità tad-Djar tħallas lill-benefiċjarji l-istess ammont li bih dawn kienu akkwistaw is-sehem tagħhom.

Matul iż-żmien li l-benefiċjarji ma jkunux sidien assoluti tal-proprjetà, jiġifieri ma jkunux għadhom xtraw is-sehem tal-Awtorità tad-Djar fil-proprjetà, huma ma jkunux jistgħu jikru l-fond lil terzi jew bi kwalsiasi mod jitrasferixxu l-fond jew jgħaddu l-pussess tiegħu lil terzi. Lanqas ma jistgħu jagħtu l-kunsens tagħhom biex xi terzi jabitaw f'dan il-post anke b'mera tolleranza jew b'titolu gratwit, iżda għandhom jużaw dan il-post biss bħala residenza ordinarja tagħhom. Il-benefiċjarji huma marbuta li matul l-istess żmien għandhom iżommu r-residenza tagħhom fi stat tajjeb ta' tiswija. Il-benefiċjarji jkunu obbligati li jgħixu fil-fond bħala residenza ordinarja tagħhom għal mill-anqas għoxrin (20) sena mid-data tax-xiri tas-sehem tagħhom. L-applikanti ma jkunux jistgħu jagħmlu tibdil strutturali fil-fond mingħajr il-permess bil-miktub tal-Awtorità tad-Djar.

## 12. Informazzjoni

L-Awtorità tistà titlob lill-applikant biex jiffirma u jikkonferma bil-ġurament kull dikjarazzjoni li hi tista' tqis meħtieġa għat-twettiq ta' din l-iskema.

## 13. Piena għal dikjarazzjonijiet foloz

Jekk f'xi żmien jirriżulta li l-applikanti jkunu għamlu dikjarazzjoni falza jew taw informazzjoni u dokumenti mhux korretti għall-finijiet tal-applikazzjoni taħt din l-iskema, mingħajr preġudizzju għal xi piena li huma jkunu setgħu saru suġġett għaliha taħt xi liġi oħra, l-applikanti jkunu suġġetti għall-pagament lill-Awtorità ta' penali li l-Awtorità tad-Djar tqis xierqa u li tista' tiġi indikata permezz ta' policy deċiża mill-Bord tal-Awtorità tad-Djar minn żmien għal żmien. Huma jkunu wkoll skwalifikati għall-perjodu ta' ħames (5) snin milli jibbenefikaw taħt xi skema magħmula bl-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli għad-Djar, u jitilfu d-dritt għal xi sussidji taħt din l-iskema.

Dikjarazzjoni jew dokumenti skorretti jew foloz jistgħu jesponu lill-applikanti għal proċeduri kriminali.

## 14. Ħlas amministrattiv u abbandun ta' applikazzjonijiet

(a) Kull applikazzjoni taħt din l-iskema għandha tiġi preżentata personalment minn wieħed mill-applikanti lill-Awtorità u dik l-applikazzjoni ma tiġix aċċettata kemm-il darba ma jkunx hemm magħha s-somma ta' għoxrin Ewro (€20) bħala ħlas amministrattiv. Oltre dan l-applikant jiġi mitlub iħallas somma ta' flus li tkopri l-ispejjeż fuq riċerki fuq l-applikanti li l-Awtorità tad-Djar tkun mitluba tħallas għan-nom tagħhom. Dawn il-ħlasijiet mhumiex rifondibbli għal ebda raġuni.

(b) Meta xi applikant taħt din l-iskema jwaqqfu l-ipproċessar tal-applikazzjoni, l-applikazzjoni titqies li ġiet abbandunata u kull ħlas u depositu mħallsa jintilfu. F'kull każ kull spiża magħmula mill-applikanti in konnessjoni mal-applikazzjoni tagħhom tkun a karigu tagħhom u ma jiġux meħuda lura mill-istess applikanti kemm jekk l-applikazzjoni tkun aċċettata mill-Awtorità kemm jekk ma tiġix aċċettata mill-Awtorità.

## 15. Dritt ta' rifjut ta' applikazzjoni

Minkejja kull ħaġa li tinsab fid-dispożizzjonijiet ta' din l-iskema l-Awtorità jkollha d-dritt li tirrifjuta kull applikazzjoni.

## 16. Tul tal-iskema

Din l-iskema tibqa' *in vigore* għall-perijodu ta' sena mid-data tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Gazzetta tal-Gvern u tkun imġedda awtomatikament għall-perijodu ta' sena oħra sakemm ma jiġix ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern avviż li jtemm l-iskema.

## 17. Interpretazzjoni

F'kull każ qed jiġi ribadit li f'każ ta' diverġenza bejn it-test Malti u dak Ingliż, it-test Malti għandu jipprevali.

## 18. Emendi għall-iskema

L-Awtorità żżomm id-dritt li tagħmel kwalunkwe emenda neċessarja għal din l-iskema billi tippubblika dawn l-emendi fil-Gazzetta tal-Gvern. Tali emendi jistgħu jsiru anke biex japplikaw b' mod retroattiv. Ebda emenda ma tista' tesponi lill-Awtorità għal xi azzjoni ta' danni jew għal xi azzjoni legali oħra. Dawn ir-regolamenti jkunu jifformaw parti mill-ftehim u f'każ ta' diverġenza bejn dawn ir-regolamenti u dak li jiġi indikat fil-kuntratt, għandu japplika dak li jkun l-aktar favorevoli għall-Awtorità tad-Djar.

2026